Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 127/2013

**Franca Borg mart Michael Borg u Marguerite Gatt mart Neville Gatt it-tnejn ahwa Mercieca u l-istess zwieghom l-imsemmija Michael Borg u Neville Gatt ghal kull interess li jista' jkollhom**

**Vs**

**Carmel Calleja u martu Rosaria Calleja u Antoinette sive Ines Mifsud Bonnici u Martin Mifsud Bonnici ghal kull interess li jista' jkollu jew min minnhom**

10 ta' April, 2018.

1. B'rikors prezentat fis-17 ta' Dicembru, 2013 fil-Bord Li Jirregola l-Kera, l-atturi harrku lill-konvenuti u talbu l-awtorizazzjoni tieghu sabiex jiehdu lura l-pussess tal-fond 193, Triq Villambrosa, Hamrun ghaliex l-inkwilini, *"ilkoll tilfu d-dritt tal-inkwilinat taghhom a tenur tal-att X tal-2009 billi ilhom ghal aktar minn sena permanentement resident gewwa djar tal-anzjani u dana kif jirrizulta, anki 'ex admissis' mid-dokumenti B, C u D hawn annessi"*.

2. B'sentenza tal-20 ta' Frar, 2017 il-Bord cahad it-talba tal-atturi ghal dak li jirrigwarda Martin Mifsud Bonnici wara li osserva li kien ressaq provi li juri li kien ilu jghix ma' ommu fl-imsemmi fond, *"sa minn meta gie lura mill-Awstralja u cioe' mis-sena 2003. U baqa' jghix maghha sakemm giet rikoverata f'dar tal-anzjani u baqa' jokkupa l-imsemmi fond anke wara li ommu giet hekk rikoverata. Dan kif jirrizulta mill-affidavit tieghu u mid-dokumenti annessi. Mhux biss izda rribatta wkoll il-prova migjuba mir-rikorrenti rigwardanti r-registrazzjoni tieghu ghall-vot f'April 2006, kemm bi prova dokumentarja: id-dikjarazzjoni ta' George Saliba kif ukoll bix-xhieda ta' Savio Borg, rapprezentant tal-Ufficcju Elettorali minn liema rrizulta li l-intimat kien ilu registrat bhala resident fl-imsemmi fond sa minn Jannar 2004 kif jirrizulta mill-Karta tal-Identita tieghu"*.

3. B'rikors prezentat fis-7 ta' Marzu, 2017 l-atturi appellaw mis-sentenza. L-aggravji tal-appellanti huma:

*"a) L-Onorabbli Bord Li Jirregola l-Kera – ara sentenza p. 6 para 1 u 2 – ghalkemm jikkwota u jaghmel tieghu parti mill-verbal tat-8 ta' Mejju, 2014 fejn 'seduta stante' l-intimati Calleja ddikjaraw illi 'm'ghandhom ebda pretensjoni fuq il-fond mertu ta' da nil-kaz' u ghalhekk (ukoll 'seduta stante') ghaddew lill-intimati 'cavetta tal-fond in kwistjoni mghoddija lilhom dak il-hin stess minn Martin Mifsud Bonnici' – ara verbal – li, ghalhekk baqa' wahdu intimat, minflok ma*

*ta l-interpretazzjoni normali u ovvja li tali azzjoni kellha tinghata, ghadda billi hareg minn norma u ghawweg da nil-fatt ukoll a favur tal-intimat Mifsud Bonnici.*

*b) L-istess Bord Li Jirregola l-Kera kien ghal kollox selettiv meta ghamel l-ezercizzju li bih ghamel tieghu certi provi u injora u skarta provi ohra aktar konkreti cioe' dawk tar-rikorrenti !*

*c) L-Onorabbli Bord tal-Kera fid-decizjoni tieghu injora wkoll ghal kollox l-ispirtu tal-Ligi u l-intenzjoni tal-Legislatur meta ppromulga l-Att X tal-2009 u specjalment l-Artikolu 18 tal-istess Ligi u cioe' l-Artikolu 1555A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa marbut mal-Artikolu 1531F tal-istess Kapitolu 16".*

4. Il-qorti semghet it-trattazzjoni u qrat l-atti.

5. **Fatti**.

   i. L-intimati Carmel Calleja u Antoinette sive Ines Mifsud Bonnici kienu jikru l-fond 193, Triq Villambrosa, Hamrun.
   ii. Fid-29 ta' Settembru, 2011 Antoinette Mifsud Bonnici marret tghix f'dar tal-anzjani fil-Mosta.
   iii. Il-konjugi Calleja marru jghixu f'San Vincenz de Paule. Huma m'ghandhom l-ebda pretensjoni fuq il-kirja tal-fond oggett tal-kawza. L-atturi rrinunzjaw ghall-kawza fil-konfront tal-konjugi Calleja (ara nota a fol. 17).
   iv. Martin Mifsud Bonnici hu iben Antoinette Mifsud Bonnici. B'sehh mill-14 ta' Jannar, 2004 kien registrat li jghix fl-imsemmi fond (fol. 44). Kien fir-registru elettorali ta' April, 2006 li gie ddikjarat li jirrisjedi fl-imsemmi fond.

6. Kirja kien hemm wahda, kif jirrizulta mill-kopja tar-ricevuti a fol. 3. Hekk per ezempju fir-ricevuta datata 9 ta' Awissu, 2007 jinghad:

   *"Received from Clo Calleja & Mrs Mifsud Bonnici sixteen Malta liri, 15c for 6 months rent on Aldwych 193, Villambrosa Street, Hamrun up to 31 Jan 08".*

   Ghalhekk il-fatt li l-koppja Calleja kienet tghix fis-sular ta' fuq filwaqt li Mifsud Bonnici kienet tghix isfel, ma jfissirx li hemm zewg kirjiet distinti u separati minn xulxin.

7. Ma tressqet l-ebda prova li Antoinette Mifsud Bonnici, kemm ilha li marret tghix f'dar tal-anzjani fil-Mosta, qatt regghet marret ghal xi zmien tghix fil-fond oggett tal-kawza jew li tmur tqatta' xi hin fil-fond. Jidher ghalhekk li r-residenza permanenti taghha hi d-dar tal-anzjani fejn qeghda tghix. Skont l-artikolu 1555A tal-Kodici Civili, f'tali cirkostanza *"... il-kirja ta' dak il-fond ghandha tigi trasferita lil persuna kif indikata fl-artikolu 1531F".*

8. M'huwiex kontestat li Martin Mifsud Bonnici hu l-wild naturali ta' Antoinette Mifsud Bonnici. Ir-rikorrenti jidher li qeghdin isostnu li l-iktar li Mifsud Bonnici jista' jghid li kien ilu jghix m'ommu kien minn April, 2006, cjoe' meta ismu deher ghall-ewwel darba fir-registru elettorali. Jekk hu hekk dan l-intimat ma jikkwalifikax sabiex il-kirja tigi trasferita f'ismu minhabba li skont paragrafu (i) 1531F tal-Kodici Civili, kellu jkun ilu jghix ma' ommu ***"[....] ghal erba' snin mill-ahhar hames snin"***.

9. Madankollu l-qorti tosserva li:-

   i. Martin Mifsud Bonnici kien ighix l-Awstralja, u xehed li rritorna Malta ghal kollox fil-11 ta' Novembru 2003 u mar ighix m'ommu. M'hemmx provi li jikkontradicu dak li qal. Lanqas ma sarlu kontro-ezami u ghalhekk dak li xehed baqa' mhux kontradett.

   ii. Il-fatt li kien biss fir-Registru Elettorali ta' April, 2006 li deher ismu, mhijiex prova li kellha twassal lill-Bord sabiex jikkonkludi li Martin Mifsud Bonnici ma xehedx is-sewwa. Irrizulta li l-isem ta' persuna titnizzel fir-Registru Elettorali ghal finijiet ta' vot. Fil-fatt irrizulta li dan l-intimat kien applika u nghata l-karta tal-identita u sa mill-14 ta' Jannar 2004 gie registrat bhala resident fil-fond oggett tal-kawza. Dak dikjarat fid-dokument MMB-3 a fol. 44 gie kkonfermat mix-xhud Savio Borg (ufficjal tar-Registru Elettorali)[1].

   iii. M'hemmx hjiel li Martin Mifsud Bonnici seta' kien qieghed ighix f'xi fond iehor.

10. Il-qorti ma tistax taqbel mal-argument tal-appellat li l-appellanti kellhom jaghtu prova li, *"…. Artikolu 1531F ma japplikax ghal Martin Mifsud Bonnici, u cioe' billi jippruvaw li Martin Mifsud Bonnici ma ghexx fil-fond in kwistjoni ghal 4 snin mill-5 snin li pprecedew l-1 ta' Gunju, 2008"* (ara nota ta' sottomissjonijiet, fol. 87). Ladarba min jallega jrid jipprova, l-oneru tal-prova kien fuq Martin Mifsud Bonnici li l-kirja giet trasferita fuqu b'operat tal-ligi. Il-Bord kien sodisfatt li tali prova saret:

    *"Illi l-intimat ressaq diversi provi illi juru illi huwa kien ilu jghix ma' ommu fl-imsemmi fond sa minn meta gie lura mill-Awstralja u cioe mis-sena 2003. U baqa' jghix maghha sakemm giet rikoverata f'dar tal-anzjani u baqa' jokkupa l-imsemmi fond anke wara li ommu giet hekk rikoverata. Dan kif jirrizulta mill-affidavit tieghu u mid-dokumenti annessi. Mhux biss izda rribatta wkoll il-prova migjuba mir-rikorrenti rigwardanti r-registrazzjoni tieghu ghall-vot f'April, 2006, kemm bi prova dokumentarja: id-dikjarazzjoni ta' George Saliba kif ukoll bix-xhieda ta' Savio Borg, rapprezentant tal-Ufficcju Elettorali minn liema rrizulta li l-intimat kien ilu registrat bhala residenti fl-imsemmi fond sa minn Jannar 2004 kif jirrizulta mill-karta tal-identita tieghu"*.

[1] Ara fol. 82.

11. L-appellanti ma taw l-ebda raguni li tista' twassal lil din il-qorti sabiex tikkonkludi li l-Bord kellu jasal ghal konkluzjoni li Martin Mifsud Bonnici ma kellux jitwemmen. Il-prova dwar ir-registru elettorali ta' April, 2004 m'hijiex l-ahjar prova li Martin Mifsud Bonnici kien ilu jghix fil-fond oggett tal-kawza sa minn April, 2006 u mhux qabel. Inoltre, d-deposizzjoni tad-difensur tal-appellanti mhi ta ebda rilevanza ghaliex kull ma qal kien li madwar ghaxar snin qabel kien mar fil-fond flimkien ma' sid il-kera u, *"meta dhalna hadd ma qalilna li maghhom kien qed ighix Martin Mifsud Bonnici jew xi haddiehor"* (fol. 35). Minn dak li qal ix-xhud kien mar fis-sena 1994, fi zmien meta mhuwiex kontestat li Martin Mifsud Bonnici kien qieghed ighix barra minn Malta.

12. Inoltre, ir-riferenza li l-appellanti ghamlu ghall-artikolu 1531F(iv) hi zbaljata ghaliex dik id-disposizzjoni tapplika fil-kaz ta' axxendenti. Martin Mifsud Bonnici hu dixxendent tal-inkwilina.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.